**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 1443/2025**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**David Daniel Mclean**

**Illum, 15 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **David Daniel Mclean** detenur tal-karta tal-identita Maltija **370098M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fid-09 ta' Mejju 2024, għall-ħabta ta' 23:40, fi Triq Kordin, Paola:

1. Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CCF 845 li ma kellhiex liċenzja;

2. Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CCF 845 mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni; u

3. Kellu vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CCF 845 fit-triq, kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta .

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta ) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-14 ta' Marzu,2025, fejn ma sabitx lill-appellat ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u lliberatu minn kull ħtija u piena, fuq nuqqas ta' provi *stante* li ddikjarat l-affidavit ta' PC 281 Damian S. Mackay inammissibbli.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' April 2025, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lil David Daniel Mclean ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi.

**Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;**

Illi, b'kull rispett, l-esponent ma jaqbilx mar-raġunament u l-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati *stante* li hija għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha u interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi, għalhekk ma sabitx li l-fatt kien fih l-ingredjenti/l-elementi tar-reati li tagħhom l-appellat kien akkużat u, konsegwentement, illiberat lill-appellat.

Il-Qorti tal-Maġistrati sostniet is-segwenti:

> *Il-Qorti tqis li billi tniżżel il-kliem "Rapid Intervention Unit" fejn il-kelma "lok" b'daqshekk il-Kumissarju tal-Ġustizzja li issoministra l-ġurament ma ġiex li indika sewwa l-lok fejn ingħata l-ġurament. Dan għax kif ġia sottolineat r-Rapid Intervention Unit hija sezzjoni fi ħdan il-korp tal-Pulizija u mhux lok per se. Il-Qorti tenfasizza li kull Kummissarju tal-Ġustizzja għandu jkun familjari sew ma' dak li jiddisponi l-Kap. 79, speċjalment il-proċedura li trid tiġi segwita biex jingħata l-ġurament u d-dettalji li hemm bżonn jitniżżlu b'mod ċar. Dan biex jiġi żgurat li l-ġurament jingħata b'mod validu u l-affidavit ma jkunx jista' jiġi skartat abbażi ta' punti proċedurali. Sfortunatament, dan ma jidhirx li sar f'dan il-każ u*

*għalhekk il-Qorti hija kostretta li tiddikjara l-affidavit ta' PC 281 Damian S. Mackay bħala inammissibbli bħala prova. Konsegwentement hija sejra tiskarta l-istess.*

*L-affidavit kien l-uniku prova fl-atti li jorbot lill-akkużat ma' dak li allegatament seħħ fid-disgħa (9) ta' Mejju 2024. Il-fatt li l-Qorti qiegħed ikollha tiskarta din il-prova jfisser li l-Qorti ma jibqgħalha l-ebda prova oħra fl-atti li hija suffiċjenti u li tista' twassal sabiex il-Qorti tiddikjara lill-akkużat ħati tal-akkużi li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu. Għalhekk il-Qorti sejra tkun kostretta li tillibera lill-akkużat.*

L-esponent huwa tal-umli fehma li għal aktar kjarezza ta' ħsieb ikun opportun li wieħed jibda billi jikkunsidra u jeżamina l-Artikolu 7 tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jaqra bil-mod segwenti:

7. *Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:*

*Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud u li l-ġurament ġie meħud bil-mezzi elettroniċi.*

F'dan ir-rigward, l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toussaint Azzopardi**, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-28 ta' Ġunju 2024, fejn dik il-Qorti tenniet hekk:

Id-difiża tikkontendi li l-affidavits ta' PS130 u PC544 m'għandhomx valur probatorju għaliex il-ġurament huwa nieqes minn element essenzjali għall-validita tiegħu, u ċioe il-lok. L-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

*"Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar."*

Il-Qorti rat illi l-Kummissjunarju li quddiemu ttieħed il-ġurament mill-uffiċjali imsemmija indika illi d-data ta' meta t-tieħed il-ġurament kienet il-11 ta' Marzu 2024, u iddikjara wkoll hekk: "Lok: E.P.U." Jirriżulta għalhekk li l-Kummissjunarju indika li l-ġurament kien qiegħed jittieħed fl-Environmental Protection Unit. Dak li trid tiddeċiedi l-Qorti għalhekk huwa jekk din id-dikjarazzjoni tissodisfax il-vot tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk il-fatt li ma ġew iddikjarati l-ebda partikolaritajiet oħra dwar il-lok, bħal l-isem tat-triq u l-belt fejn jinstab l-Environmental Protection Unit ifisser li hemm nieqes element essenzjali għall-validita tal-ġurament.

Il-Qorti tosserva li l-artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix definizzjoni tat-terminu 'lok', fis-sens illi ma jindikax bi preċiżjoni eżattament xi jrid jiġi indikat mill-Kummisjunarju sabiex jiġi sodisfat dan ir-rekwiżit. Għalhekk trid issir interpretazzjoni mill-Qorti, abbażi tal-buon sens u l-loġika, u peress li dawn huwa proċeduri penali, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva u ssolvi kwalunke dubbju favur l-imputat.

**M'hemmx dubbju li dak li ried il-leġislatur huwa li meta jittieħed ġurament fuq affidavit il-Qorti u l-partijiet għandhom jitpoġġew f'posizzjoni li jkunu jafu fejn u meta ittieħed il-ġurament, dettalji dawn li jkunu jafu awtomatikament meta xhud jixhed *viva voce* quddiem il-Qorti. F'dan il-każ jirriżulta li l-ġurament fuq l-affidavit ittieħed ġewwa l-Environmental Protection Unit, li bħala dipartiment tal-Pulizija ta' Malta, huwa uffiċju statali u pubbliku. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-indikazzjoni mogħtija hija suffiċjenti biex il-Qorti u l-partijiet jifhmu u ma jkollhomx dubbju raġonevoli dwar fejn ittieħed il-ġurament, bl-istess mod li kieku l-ġurament ittieħed fil-binja tal-Qorti ma kienx ikun hemm bżonn li titniżżel isem**

**it-triq u l-lokalita biex wieħed jifhem fejn ittieħed il-ġurament. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-argument m'għandux mis-sewwa u qiegħed jiġu miċħuda.[1]**

L-esponent jagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toussaint Azzopardi**, mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Novembru 2024 (Appell Nru: 1513/2024), fejn din il-Qorti qablet mar-raġunament u d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrat f'dak il-każ, u kkunsidrat is-segwenti:

> *Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jistqar li l-affidavits rilaxxjati mill-pulizija u cioe PS 1330 Roderick Farrugia u PC 544 D Micallef ma jissodisfawx ir-rekwiziti tal-ligi u appuntu l-artikolu 7 tal-Kaptiolu 79 tal-Ligijiet ta' Malta senjatament ghaliex ma giex indikat il-lok fejn inghata il-gurament.*
>
> *Illi huwa permess skond l-artikolu 360A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li l-prosekuzzjoni tippreneta ix-xhieda taghha meta si tratta ta' ufficcjali tal-pulizija permezz ta' affidavits minflok ma dawn joqghodu jitilghu jixhdu viva voce il-Qorti waqt proceduri somamrji l-Qorti. Huwa pero importanti li l-gurament li jinghata lill-pulizija minn ufficcjal tal-pulizija li jkun ukoll kummissarju b'setgha li jaghti gurament nominat fit-termini tal-Kap 79 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ordinanza dwar il-Kumissarjonarji b'setgha li jaghtu gurament .*
>
> *Illi l-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta, daħal fis-seħħ bis-saħħa tal-Ordinanza VIII tal 1934 li kienet promulagata fis-6 ta' Frar 1934, u hija bbażata fuq l-Commissioners for Oaths Act 1889 ta'l-Ingilterra u Wales. Din il-legislazzjoni tipprovdi dwar il-partikularitajiet li għandu jkun fih il-jurat jew l-attestat;-*
>
> *7.Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom ilġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:*
>
> *Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħudu li l-ġurament ġie meħud bil-mezzi elettroniċi*

[1] Enfasi tar-rikorrenti

Minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni tal-ligi jidher car u uniku li l-ligi tirrikjedi li jigi specifikat il-lok ta fejn jkun inghata l-gurament. Infatti l-legislatur uza l-kliem '*ghandu jiddikjara*' u jkkwalifika ukoll bil-kelma '*sewwa*'. Il-legislatur ma jzuaw il-kelma '*jista*' f'liema kaz kien ikun biss fakoltativ li jigi indikat il-lok fejn inghata l-gurament. Harsa lejn il-versjoni Ingliza hemm il-kliem '*shall state truly*' li huwa jindika obbligu tassattiv. Ghalhekk anke kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **il-pulizija vs Jan Christoffer Oskarsson** [2] il-Kummissarju tal-Pulizija b'setgha li jaghti gurament huw obbligat bil-ligi li jindika l-loik fejn huwa issominsitra l-gurament lix-xhud.

**Illi f'dan il-kaz pero kuntrarjament ghal dak li sehh fis-sentenza appena citata l-pulizija ma naqsux jindikaw l-lok fejn ittihed il-gurament u dan ghaliex hemm isem il-pulizija, in-numru tas-servizz tieghu, id-data tal-gurament u cioe l-14 ta' Marzu 2024 u bhala lok hemm indikat E.P.U registry u ghalhekk dan ifisser li l-gurament gie mehud fir-registru tal-'Environmental Protection Unit'. Kif tajjeb inghad mill-ewwel qorti u dan ghaliex din l-eccezzjoni giet ukoll sollevata quddiemha li dan hu ufficcju statali u pubbliku u ghalhekk l-indikazzjoni moghtija hija sufficjenti biex il-Qorti u l-partijiet jifhmu u ma jkollomx dubbju ragonevoli dwar fejn ittiehed il-gurament. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint fl-intier tieghu.**[3]

*Multo magis*, l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edward Fenech**, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-20 ta' Jannar 2025, fejn dik il-Qorti ssollevat *ex officio* l-inammissibbiltà ta' affidavit ta' uffiċċjal tal-pulizija *stante* li ma ssodisfax id-dettami tal-Artikolu 7 tal-imsemmija Ordinanza, Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara li dik il-Qorti, diversament preseduta, għamlet referenza għas-sentenza tagħHa fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Toussaint Azzopardi** surriferita, tenniet hekk:

> *Rigward dan, jekk kellu jittieħed ir-raġunar tas-sentenza sopraċitata, u ċioe' li peress li l-kunċett ta' lok ma ingħatax definizzjoni fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 79, il-Qorti għandha tapplika l-buon sens u l-loġika, u li*

[2] Deciz mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta Lulju 2024 per Magistrat Dr Jean Paul Grech
[3] Enfasi tal-esponent.

*peress li dawn huma proċeduri penali, l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett b'mod restrittiv, fejn fis-sentenza sopraċitata hemm imniżżel post (u ċioe' l-Environmental Protection Unit) fejn ittieħed il-ġurament li rrenda l-affidavits esebiti f'dawk il-proċeduri bħala ammissibbli, f'dawn il-proċeduri jidher biċ-ċar li d-data hija ndikata bit-timbru filwaqt li l-lok fl-affidavit huwa biss indikat bil-lokalita' u ċioe' 'Birżebbuga' – li naturalment ma jindika ebda lok jew post preċiż għaliex 'Birżebbuga' tindika biss il-lokalita' sħiħa li bħala 'lok' hija wisq wiesgħa biex din il-Qorti tasal verament għall-post u lok ta' fejn ittieħed tali ġurament. Huwa proprju għalhekk li din il-Qorti ma titħallilhiex triq oħra għajr li tiskarta dan l-affidavit bħala inammissibbli fis-sens li ma jistax jingħata piż probatorju.*

**Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-esponent jisħaq li dak li ried il-leġislatur, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Ordinanza fuq imsemmija, huwa li, meta jittieħed ġurament fuq *affidavit*, il-Qorti u l-partijiet ikunu jafu fejn u meta ittieħed il-ġurament. Isegwi li, kuntrarjament għal dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza appellata, meta l-Ispettur Raymond Joseph Azzopardi, bħala Kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġurament, niżżel il-kliem "*Rapid Intervention Unit*" fejn il-kelma "*lok*", huwa attwalment indika sewwa l-lok, cioe' il-post, fejn ingħata l-ġurament. Il-ġurament ingħata ġewwa d-dipartiment tar-"*Rapid Intervention Unit*", li bħala dipartiment tal-Pulizija ta' Malta, huwa uffiċċju statali u pubbliku. Għalhekk, fil-fehma tal-esponent, l-indikazzjoni mogħtija hija suffiċjenti biex wieħed jifhem u ma jkollux dubju raġonevoli dwar fejn ittieħed il-ġurament, bl-istess mod li kieku l-ġurament ittieħed fil-binja tal-Qorti, wieħed ma jkollux bżonn li jitniżżlu l-isem tat-triq u l-lokalita' biex jifhem fejn ittieħed il-ġurament. Għalhekk, l-esponent jissottometti li l-affidavit ta' PC 281 Damain S. Mackay jissodisfa r-rekwiżiti u l-elementi tassattivi kollha kif ravviżati fl-Artikoli 4, 5 u 7 tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, l-affidavit huwa ammissibbli u m'għandux jiġi skartat.**

L-esponent isostni li mill-provi esebiti fl-atti proċesswali, l-appellat kellu jinstab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Jibda biex jingħad illi PC 281 Damian

S. Mackay xehed permezz ta' affidavit ikkonfermat bil-ġurament, liema affidavit ġie mmarkat bħala Dok A u jinsab inserit *a folii* 2 u 3 tal-atti proċesswali, li fid-09 ta' Mejju 2024, hu u membri oħra tal-Korp tal-Pulizija kienu qed iwettqu spezzjonijiet fuq vetturi (*road checks*) fi Triq Kordin, Paola. Dawn l-ispezzjonijiet kienu awtorizzati permezz ta' mandat maħruġ mill-Ispettur Rachel Aquilina, liema mandat huwa inserit *a folio* 7 tal-atti proċesswali. Għall-ħabta ta' 23:40, il-Pulizija waqqfu vettura tal-għamla Land Rover ta' lewn aħdar bin-numru tar-reġistrazzjoni CCF 845 fejn innutaw li l-liċenzja t-tonda tal-*windscreen* kienet skadiet f'Marzu 2024. Meta PC 281 Damian S. Mackay talab lix-xufier tal-vettura sabiex jipprovdi l-liċenzja tas-sewqan u l-polza tal-assigurazzjoni, irriżulta li l-vettura kienet qed tinstaq mill-appellat David Daniel Mclean u li l-polza tal-assigurazzjoni li pprovda, senjatament dik maħruġa mill-kumpanija *Citadel Insurance p.l.c.*, bin-numru CVC/492/17/102490, kienet skadiet fil-31 ta' Marzu 2024.

*Di piu'*, mill-affidavit ta' Stephen Cachia, impjegat fid-Direttorat għat-Trasport fuq l-Art fi ħdan l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, liema affidavit ukoll jissodisfa r-rekwiżiti u l-elementi tassattivi kollha kif ravviżati fl-Artikoli 4, 5 u 7 tal-Ordinanza fuq imsemmija, ġie mmarkat bħala Dok D u jinsab inserit *a folio* 8 tal-atti proċesswali, u mid-dokument maħruġ mit-*Transport Malta*, li fih id-dettalji tal-vettura in kwistjoni, liema dokument jinsab inserit *a folii* 9 u 10 tal-atti proċesswali, jirriżulta li fid-09 ta' Mejju 2024, il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CCF 845, tal-marka Land Rover, kienet reġistrata fuq l-appellat filwaqt li l-liċenzja tal-imsemmija vettura skadiet fil-31 ta' Marzu 2024 u ġiet imġedda fl-10 ta' Mejju 2024. *Inoltre*, mill-atti proċesswali, jidher li l-appellat ma ppreżenta ebda polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni li kienet valida fid-09 ta' Mejju 2024, *ai termini* tal-Artikolu 3(1A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Għalhekk, jirriżulta fattwalment ippruvat sal-grad rikjest mill-liġi fil-kamp penali li, fid-09 ta' Mejju 2024, għall-ħabta ta' 23:40, fi Triq Kordin, Paola, l-appellat:-**

(i) **saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CCF 845 li ma kellhiex liċenzja, u cioe' wettaq ir-reat hekk kif ravviżat fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta);**

(ii) **(ii) saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni, u cioe' wettaq ir-reat hekk kif ravviżat fl-Artikolu 3(1) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta; u**

(iii) **(iii) kellu l-imsemmija vettura fit-triq, kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, u cioe' wettaq ir-reat hekk kif ravviżat fir-Regolament 13(2) tar-Regolamenti dwar ir- Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Konsegwentement, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx legalment u raġonevolment tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. B'kull dovut rispett, l-esponent jissottometti li fil-każ *de quo*, l-apprezzament tal-provi u l-interpretazzjoni tal-liġi relattiva tal-Qorti tal-Maġistrati kienu żbaljati u l-appellat kellu jinstab ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.**

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2025.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi f'dan l-appell l-ewwel ilment li jrid jigi indirizzat hux jekk l-affidavit rilaxxjat minn PC 281 Damian S Mckay inserit fl-atti a fol 2 Dok A hux wiehed rilaxxjt skond il-ligi u cioe skond l-artikolu 7 tal-Kap 79 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-lok indikat fl-affidavit fejn allegatament ittieħed l-affidavit huwa imniżżel bhala 'Rapid Intervention Unit.

L-ewwel Qorti skartat l-affidavit ta dan ix-xhud u dan ghaliex sotniet li meta - kummissarju responsabbi sabiex ta l-gurament kiteb *"Rapid Intervention Unit" fejn il-*

*kelma "lok" b'daqshekk il-Kumissarju tal-Ġustizzja li issoministra l-ġurament ma ġiex li indika sewwa l-lok fejn ingħata l-ġurament. Dan għax kif ġia sottolineat r-Rapid Intervention Unit hija sezzjoni fi ħdan il-korp tal-Pulizija u mhux lok per se. "*

Din hi l-ewwel materja li jrid jigi deciz.

Tajjeb jinghad li l-artikolu 360A tal-Kap. 9 jagħti l-possibilita lill-Prosekuzzjoni li hija tippreżenta affidavits ta' uffiċjali tal-Pulizija minflok ma' dawn joqogħdu jitilgħu jixhdu di persona waqt proċeduri sommarji quddiem din il-Qorti. Il-ġurament lill-uffiċjal tal-Pulizija normalment jingħata minn uffiċjal tal-Pulizija li jkun wkoll Kummissarju b'setgħa li jagħti ġuramenti nominat fit-termini tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ordinanza dwar il-Kummissjonarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament.

L-artikolu 7 tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika li:

> *"Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara* ***sewwa*** *fil jurat jew fl-attestat il-lok u* ***d-data*** *li fihom il - ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:"* (Enfażi tal-Qorti)

Minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni tal-ligi jidher car li l-ligi tirrikjedi li jigi specifikat il-lok ta' fejn jkun inghata l-gurament. Infatti l-legislatur uza l-kliem '*ghandu jiddikjara*' u jkkwalifika ukoll bil-kelma '*sewwa*'. Il-legislatur ma wzax il-kelma 'tista' f'liema kaz, kien ikun biss fakoltativ li jigi indkat il-lok fejn inghata l-gurament.

Ghalhekk anke kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet citata waqt dawn il-proceduri fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Rachel Aquilina) Vs Jan Christoffer Oskarsson</u>** [4]l-Kummissjunarju tal-Pulizija b'setgha li jaghti gurament, huwa obbligat bil-ligi li jindika l-lok fejn huwa issominsitra l-gurament lix-xhud: -

---

[4] Deciza 19 Lulju 2024 mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) bhala qorti ta Gudikatura Kriminali

Dik is-sentenza tipprovdi is-segwenti :-

> *Minn qari ta' dan l-artikolu tal-liġi huwa ċar li l-liġi tassattivament tirrikjedi li jiġi speċifikat il-lok ta' fejn jkun ingħata l-ġurament. Infatti l leġislatur juża l-kelma "għandu jiddikjara" u jikkwalifikaha wkoll bil kelma "sewwa". Il-leġislatur ma jużax il-kelma "jista'", fl-liema każ kien ikun biss fakultattiv li jiġi indikat il-lok fejn ingħata l-ġurament. Fil verżjoni Ingliża il-kliem li jintuża huwa: "shall state truly", li wkoll jindika obbligu tassattiv.* ***Dan ifisser li l-Kummissarju b'setgħa li jagħti ġuramenti huwa obbligat bil-liġi li jindika l-lok fejn huwa issoministra l-ġurament lix-xhud***.[5]
>
> ….
>
> *Fi proċeduri penali fejn huwa fundamentali li l-proċedura tiġi segwita ad unguem biex ma jiġux preġudikati d-drittijiet tal-akkużat, ma jistax jkun li l-Qorti tagħlaq għajnejja għal tali nuqqas.*
>
> …..
>
> *Fi proċeduri penali, il-Qorti ma tistax tassumi l-affarijiet hi; l-affarijiet jridu joħorġu ċar mill-atti.*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizja vs Pauline Agius Cassar**[6] fejn gie enfasizzat il-htiega mandatarja li tesigi l-ligi sabiex il-lok fejn jittiehed l-affidavit jigi ndikat u dan sabiex tali affidavit ikun wiehed mehud skond il-ligi.

[5] Sottolinear ta dik l-Qorti
[6] DEciza minn din il-Qorti nhar 21 ta' Novembru, 2024

Illi f'dan il-kaz jigi nnutat l-isem u l-kariga tal-ufficjal tal-pulizija u l-firma tieghu. Madankollu, l-lok fejn ittiehed il-gurament ma giex specifikat. Ghaliex hemm indikat biss 'Rapid Intervention Unit'.

Dan hu kaz simili ghal dak li gie rilevat fis-sentenza taghha fl-ismijiet **il-Pulizija Toussaint Azzopardi** fejn f'dak il-kaz il-prosekuzzjoni kienet indikat fuq l-affidavit li dak kien ittiehed fil-Environmental Protection Unit. F'dik is-sentenza il-Qorti kienet ikkonkludeit li: -

> **M'hemmx dubbju li dak li ried il-leġislatur huwa li meta jittieħed ġurament fuq affidavit il-Qorti u l-partijiet għandhom jitpoġġew f'posizzjoni li jkunu jafu fejn u meta ittieħed il-ġurament, dettalji dawn li jkunu jafu awtomatikament meta xhud jixhed** ***viva voce*** **quddiem il-Qorti. F'dan il-każ jirriżulta li l-ġurament fuq l-affidavit ittieħed ġewwa l-Environmental Protection Unit, li bħala dipartiment tal-Pulizija ta' Malta, huwa uffiċju statali u pubbliku. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-indikazzjoni mogħtija hija suffiċjenti biex il-Qorti u l-partijiet jifhmu u ma jkollhomx dubbju raġonevoli dwar fejn ittieħed il-ġurament, bl-istess mod li kieku l-ġurament ittieħed fil-binja tal-Qorti ma kienx ikun hemm bżonn li titniżżel isem it-triq u l-lokalita biex wieħed jifhem fejn ittieħed il-ġurament. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-argument m'għandux mis-sewwa u qiegħed jiġu miċħuda.**[7]

F'dan il-kaz dimili ghal kaz appena iccitat l-kummissarju indikat bhala lok Rapid Intervention Unit li ukoll **li bħala dipartiment tal-Pulizija ta' Malta, huwa uffiċju statali u pubbliku**.

[7] DEciz fil-21 ta' Novembru, 2024 Appell Nru: 1513/2024

Jinghad pero u dan qed jigi sollevat mill-Qorti ex ufficcjio li f'dan l-istess affidavit hemm element iehor li huwa nieqes u cioe li ma hemmx data fih. Tant li fejn hemm il-kelma 'data' hemm il-vojt. Ir-rekwizit ta' data fuq affidavit ukoll huwa element mandatorju li irid jigi rispettat. Jigi rilevat ghalhekk li kuntrarjament ghal dak li tesigi il-ligi fl-artikolu 7 tal-Kap 79 tal-Ligijiet ta' Malta fuq dan l-affidavit esebit a fol 2 mmarkat bhala Dok A ma hemmx data kif rikjest. La darba wiehed mill-elementi tassattivi li jrid ikun fih affidavit huwa nieqes, din il-Qorti ma tistax tqis li l-affidavit ta' PC 281 D S Mackay bhala prova ammissibbli u ghalhekk qieghda tordna l-isfilz tieghu.

Illi fin-nuqqas ta' provi ohra li jorbtu lill-appellant mar-reati in kwistjoni din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li tillibera lill-appellant minn kull akkuza kif del resto ghamlet l-ewwel qorti  pero ghal ragunijiet differenti u tichad l-appell tal-Avukat Generali.

Il-Qorti ghal darb ohra tordna kif gja ghamlet fis-sentenza taghha **<u>il-Pulizija vs Pauline Agius</u>** li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex jigu evitati nuqqasijiet fir-rigward t'affidavits u sabiex dejjem jithares li dawn jigu dejjem sottomistrati skont il-ligi u cioe' skont il-Kapitolu 79 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr Consuelo Scerri Herrera** — **Maria Grech**

**Onor Imhallef** — **Deputat Registratur**